# SOĊJETÀ MUŻIKALI TAL-ĠILJU

Sal-1910 ġewwa l-Imqabba kien hawn Każin wieħed, li kien jinstab f'Nru. 108 Triq il-Parroċċa. Dan il-Każin kien inkarigat biex jieħu ħsieb il-festi kollha li jsiru fir-raħal tagħna. Kien propju f'dik is-sena li nqala' l-inkwiet bejn il-membri ta' dan il-Każin fuq l-isparar, għax f'xi festa sparaw aktar mill-festa l-oħra.

Ġara għalhekk li dawk il-partitarji li kienu jippreferu l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, f'Seduta Ġenerali, ddeċidew li jiftħu Każin għalihom. Fil-fatt dan il-Każin infetaħ fit-28 ta' Mejju 1911 f'Nru. 9 Pjazza tal-Knisja, f'post magħruf bħala Ta' Rosa tal-Ħaddied, bl-ewwel President ikun is-Sur Pawl Caruana (Ta' l-Avemarija) kien negozjant. Huwa dam President tlett snin, minħabba li marad u floku laħaq ħuh, is-Sur Karmenu Caruana. F'dawk iż-żmenijiet parti sewwa tal-Imqabbin kienu partitarji tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. F'dawn l-ewwel snin tat-twaqqif tas-Soċjetà, l-armar u d-dawl għall-Festa kienu jikruh mingħand Żebbuġi, ċertu Patist, u kienu jmorru bil-karrettuni.

Matul iż-żmien li dam President is-Sur Caruana kien laħaq ukoll Prokuratur tal-Festa. Dak iż-żmien kienet inħasset il-ħtieġa li l-Prokuraturi tal-Festa ma għandhomx idumu aktar minn sentejn. Għalhekk kienet saret konsulta tal-Fratelli tal-Kunċizzjoni u l-Prokuratur, Indri Magro (ir-Romblu) tneħħa u floku sar Karmenu Caruana. Ta' min igħid li dan Indri Magro kien wieħed fuq tiegħu u ma kien iħalliha lil ħadd u x'aktarx li kienet din il-vera raġuni li tneħħa minn Prokuratur.

Għall-ħabta tal-1920 laħaq President is-Sur Raymond Ellul li kien l-aktar President li dam imexxi s-Soċjetà. Kien f'dik is-sena li nbidel il-post tal-Każin u mar f'Nru. 15 Pjazza tal-Knisja. Fost il-membri u l-partitarji kienet qiegħda tikber il-ħerqa biex il-Każin ikollu l-armar tiegħu. Din ix-xewqa twettqet meta Mastru Baskal Xuereb ħa f'idejh dan ix-xogħol. B'għajnuna ta' ħafna membri u partitarji sar ħafna xogħol tal-armar fosthom pilandri, trufini, il-pedestall tal-vara l-kbira u armar ieħor. Bis-saħħa ta' dan ix-xogħol l-entużjażmu għall-Festa kompla jiżdied. Tant kien hekk li kienu jġibu Banda fl-aħħar tridu (magħrufa bħala tal-Orfni) u f'jum il-Festa kienu jġibu tlett Baned.

Wara li tlesta l-armar għall-Festa inħasset il-ħtieġa li jinbena maħżen fejn jintrefa', għax s'issa kien jinżamm għand nies partitarji fosthom, Ġanni Farrugia (ta' Pitriċi), Ċensu Xuereb (tan-Naqri) u oħrajn. Fl-1932 Mastru Baskal Xuereb ħeġġeġ lill-kumitat biex jixtri biċċa art fi Triq Sta. Katerina u hu għamel voluntier li jibni dan il-post mingħajr ħlas. Għalhekk f'dik is-sena l-Każin ħa biċċa art b'ċens perpetwu ta' £1.17s. mingħand Ġużeppa Abdilla. Il-bennej Baskal Xuereb gl-għajnuna tas-Soċi u l-partitarji bnew dan il-maħżen, u miegħu bnew ukoll mezzanin biex jikruh u bil-kera li jdaħħal il-Każin kien jista' jitħallas iċ-ċens.



**Ritratt storiku meħud mill-magazine "National Geographic" tal-1921 li juri l-faċċata tal-Knisja armata f'Jum il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju.**

Fl-1935 f'Malta sar il-famuż Konċilju Reġjonali li l-iskop ewlieni tiegħu kien li jeqred bil-mod il-festi mhux titulari. Kien żmien ta' nkwiet kbir mhux biss fir-raħal tagħna iżda wkoll f'Malta kollha. Kien qiegħed iberraq ukoll fl-Ewropa u fil-fatt il-gwerra ma damitx ma faqqet. Fi żmien il-gwerra l-attivitajiet fil-Każin naqsu jew kważi spiċċaw għal kollox. L-għaks, il-ġuħ u l-mewt ta' kuljum ftit kienu jħallu lin-nies f'hiex jhedew. Kien propju fid-9 ta' April 1941 meta waqt attakk fuq ir-raħal tagħna intlagħat il-Każin meta ġiet bomba fuqu u sar ħerba. F'dan l-attakk intlaqtet ukoll il-knisja fejn intradmet l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju.

Malli l-Allejati nvadew l-Italja l-gwerra għal Malta nistgħu ngħidu li kienet spiċċat. Fl-1942 il-partitarji mill-ewwel reġgħu ħasbu biex jakkwistaw Każin fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu. Il-post tal-Każin imġarraf reġa' ttieħed lura mis-sidien wara li saret kawża mill-familja. Il-kumitat avviċina lill-ex-President Raymond Ellul għax kellu dar fil-Pjazza. Din id-dar, Nru. 13, għalkemm kellha l-ħsara ġiet irranġata u bdew jużawha bħala każin. Sakemm ġie rranġat il-post il-ġdid il-kumitat u l-każin ġie trasferit għall-Maħżen tal-armar. Il-President f'dak iż-żmien kien is-Sur Antonio Camilleri.

Fl-1944 laħaq President is-Sur Mikiel Ang. Borg.

Dan flimkien mal-kumitat ħabrieki tiegħu stinka biex isib post akbar għax il-membri u l-partitarji kienu żdiedu ħafna u l-Każin kien sar żgħir wisq. L-ewwel attentat kien li jinxtara l-post ta' Indri Ellul (tal-Furnar). In-negozjati kienu saru u anke l-prezz kien iffissat, (£2,500 li kienu ħafna flus għal dak iż-żmien), iżda Indri reġa' bdielu u ħassar il-kuntratt, tant li kellu jħallas is-sensarija.

Wara li falla dan l-attentat, il-Kumitat xtara l-post li kemm il-Każin illum bil-prezz ta' £1,300 mingħand Innocenzo Ghigo (il-Baws). Billi f'dan il-post kien joqgħod Gerald Tanti sar arranġament biex is-Sur Tanti imur joqgħod fil-Każin l-antik. Hawn mill-ewwel bdew iwaqqgħu l-Każin u jitla' l-Każin ġdid bil-faċċata lussuża li għandu llum. Il-Kumitat daħal għal spejjeż kbar fil-bini tal-Każin. Biex jinxtara l-Każin kien isir ġbir ta' tmintax irbiegħi (12c5) fil-ġimgħa mingħand is-Soċi. Dan il-ġbir kien isir minn Karmenu Galea (il-Papa). L-ewwel ġebla tqiegħdet fil-5 ta' Novembru 1945. L-imgħallem Baskal Xuereb kien jitħallas £3 fil-ġimgħa meta dak iż-żmien paga ta' mgħallem kienet il-fuq minn £10 fil-ġimgħa.

interess personali ta' Karmenu Galea ġie mħajjar biex jgħallem il-Banda s-Surmast Joseph Darmanin li kien Surmast tal-Banda mas-servizzi Ingliżi. Is-Sur Darmanin kien ta' dixxiplina iżda kien jaf imur mall-allievi tant li fi żmien qasir wassal il-Banda biex tagħmel l-ewwel Kunċert tagħha. Kien fit-8 ta' Diċembru 1945 fil-Festa tal-Kunċizzjoni li sar l-ewwel Programm Mużikali minn Banda Imqabbija. B'hekk il-Banda ***Lily*** saret l-ewwel Banda tar-Raħal. Minn taħt idejn il-bravu Surmast Darmanin, ħarġu żewġ sur-mastrijiet oħra li qatt kellha l-Banda tagħna – Mro. Gulio Tanti u Mro. Joseph Tonna.

Malli saru l-ewwel programmi kiber ħafna l-interess lejn il-Banda u l-kumitat u l-membri nsistew biex jarmaw il-Banda sew. Bl-għajnuna tal-Madonna u bl-għajnuna tal-Benefatturi kemm finanzjarjament u kemm materjalment bdew jinxtraw l-istrumenti għall-Banda u bit-tħabrik u xogħol personali ta' Mikiel Barbara sar planċier li tlesta fl-1946. Barra minnhekk numru ta' Soċi rregalaw is-Soċjetà numru ta' Stendardi l-ġmiel tagħhom li għadhom sal-lum l-għaxqa tas-Soċjetà.



**Ritratt ta' kumitat ta' l-ewwel snin tas-soċjetà. Fosthom hemm uħud li wara okkupaw il-kariga ta' President tas-Soċjetà.**

Biex jinġabru l-flus għall-bini tal-Każin, il-kumitat iddeċieda li jibegħ il-mezzanin ta' ħdejn il-maħżen tal-armar, lil Mikiel Barbara li kien joqgħod fih. Il-prezz kien ta' £400 u £1 ċens fis-sena.

Kien f'dak iż-żmien li nħasset il-ħtieġa li s-Soċjetà ikollha l-Banda tagħha. L-ewwel idea kienet li ssir orkestra, fejn biex jgħallem kien jiġi s-Surmast Ġanni Bilocca miż-Żurrieq bl-għajnuna tas-Sur Emmanuel Ellul (il-Pakter). Wara ftit xhur l-idea tal-orkestra nbidlet u l-kumitat ħaseb biex minflok issir Banda. Bl-

Fl-24 ta' Novembru 1951 għamel żjara fil-każin tagħna l-Gvernatur ta' Malta Sir Gerald Creasy. Fl-1952, il-President is-Sur Mikiel Ang. Borg mar joq-għod barra mir-raħal u għalhekk irreżenja, biex floku laħaq is-Sur Emmanuel Ellul (il-Pakter) bħala President. Fl-1955 laħaq President is-Sun Annunziato Abdilla. Fis-snin ħamsin f'Malta kollha kien hawn furja fuq it-Teatrin. Kien għalhekk li fl-1959 biex il-membri u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jirrikrejaw irwieħhom, il-Kumitat iddeċieda li fuq il-Maħżen tal-Armar jibni Sala li tkun tista' tintuża bħala Teatru.

Dan ix-xogħol tlesta fi żmien sena. Għall-ewwel il-Kumitat kien jistieden kumpaniji minn barra r-raħal biex jagħtu rappreżentazzjonijiet fil-***Lily Hall*** sakemm bit-tħabrik ta' numru ta' dilettanti tat-teatru twaqqfet il-kumpanija dramatika *The Golden Lilies*. Il-partitarji wrew ħafna nteress u dan ġiegħel lill-kumpanija biex tieħu sehem f'konkorsi Teatrali. Ta' min ifakkar li din l-Għaqda Drammatika *Golden Lilies* kienet ġiet fit-Tieni Post fil-konkors Teatrali li kien sar fl-Oratorju tas-Sależjani Ħal-Luqa.

Il-logħob tan-Nar minn dejjem kien wieħed mill-fatturi li għen biex il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju żżid fil-popolarità tagħha ma' Malta kollha. Matul is-snin in-nar kien jinħadem fi kmamar u dwejriet imxerdin fl-egħlieqi qrib l-Imqabba. Fl-1962, wara li xi snin qabel in-nar tal-festa kien ġie sekwestrat, f'Seduta Ġenerali ġie deċiż li s-Soċjetà tixtri biċċa art u fiha tibni Post tan-Nar. Bl-għajnuna tas-Sur Salvu Bondin (ta' Ganga) dan kien akkwista biċċa art u ta lill-Każin. Huwa kien ukoll dawwar iċ-ċens minn fuq ismu għal fuq isem il-Każin.

Ix-xogħol inbeda u fi żmien sena ta xogħol volontarju mill-partitarji, il-Post tan-Nar tlesta u ġie mbierek fis-6 ta' Jannar 1964. Ftit ġranet wara li tbierek il-Post tan-Nar ġrat il-mewt għall-għarrieda tal-President, is-Sur Annunziato Abdilla biex floku laħaq is-Sur Gulio Tanti. Kmieni fis-snin sebgħin is-Soċjetà billi kienet qegħda dejjem tikber kien inħass il-bżonn li jitkabbar il-Każin. Billi ma' ġemb il-Każin kien hemm dar battala il-kumitat u l-membri l-oħra ħasbu biex jixtruha. Dan sar billi bl-għajnuna tal-aħwa Cassar (taz-Zunnara) intlaħaq ftehim li tinxtara bil-prezz ta' £2,300. Barra d-dar, il-kumitat irnexxielu jakkwista l-isqaq ta' ma' ġemb il-Każin mingħand il-Gvern b'xejn. Parti mill-flus tax-xiri tad-Dar imħarġet minn partitarji li ftiehmu li jieħdu flushom meta s-Soċjetà tkun tista' tħallas. Dawn il-flus kienu nstilfu mingħajr imgħax.

Dak iż-żmien ukoll, il-Gvern ta permess biex fil-festi mhux titulari jkun jista' jiżżejjen ir-raħal kollu. Kien żmien ta' xogħol intensiv. Il-Kumitat u Soċi daħlu għal biċċa xogħol kbira oħra. Fl-1976 s-Soċjetà ċċelebrat iċ-Ċentinarju minn meta l-Istatwa artistika tal-Madonna tal-Ġilju ngagħbet ġewwa l-Imqabba. Kienu saru festi kbar u għalihom barra mistednin oħra, attendew ukoll l-ewwel President tar-Repubblika Sir Anthony Mamo u l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi. Biex tibqa' mfakkra din l-okkażjoni kienet saret irħama li tinsab fl-intrata tal-Każin.

Malli spiċċaw iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju nbeda x-xogħol tat-twaqqiegħ tal-Każin u bini tiegħu mill-ġdid. Barra li ried jinħareġ il-ġebel, ħamrija u materjal ieħor mid-dar li nxtrat, skond il-pjanta li saret, kellu jinħatt ukoll kważi l-Każin kollu ħlief is-swali tal-faċċata. Il-benefatturi finanzjarji ma naqsux u dawk li ħadmu b'xejn lanqas. Barra l-bini tal-Każin il-Kumitat ra li jsiru dawk l-opri oħrajn biex is-Soċjetà jkollha Każin li jixirqilha. Fosthom kien hemm is-Sur Menu Vella li minn flusu għamel ħafna opri fil-Każin, fosthom l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fil-bitħa tal-Każin, Bandalora, Standard tal-Imqabba u ieħor tal-Banda (Sekond) u ħafna affarijiet oħra. Fl-1978 s-Sur Gulio Tanti rreżenja u minfloku laħaq is-Sur Joe Zmmit. Fl-Lulju 1979, miet għal-għarrieda l-Kaxxier u benefattur s-Sur Ġanni Cassar. Is-Soċjetà u l-Membri għamlulu funeral kif kien jixraqlu. Fl-1983 il-Kumitat xtara l-kamra ta' biswit il-Każin biex tkun tista' sservi bħala Banka tal-Lottu.

Is-Sur Zammit żamm il-kariga ta' President sal-1984 biex floku laħaq is-Sur Teddy Farrugia. Fil-5 ta' Ottubru 1984 is-Soċjetà tilfet wieħed mill-akbar Benefatturi tagħha s-Sur Menu Vella u fit-2 ta' Marzu 1985 tilfet lis-Sur Ġakbu Barbara. Dawn it-tnejn kienu Presidenti Onorarji tas-Soċjetà u għalhekk is-Soċjetà ħasbet biex għamlitilhom Funerali kif kien jixirqilhom.

Fl-1985 saret ukoll ir-restawrazzjoni tal-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju mid-devot tagħha s-Sur Ġlormu Dingli u l-induratura saret mis-Sur Horace Farrugia



**Ritratt storiku tal-faċċata tal-każin f'fazi avvanzata ta' bini.**

bl-ispejjeż jitħallsu minn tlett benefatturi. Matul din is-sena sar ħafna xogħol biex għall-okkażjoni tal-75 Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà, jsiru diversi opri. Dan qiegħed isir fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-estensjoni tal-Każin mill-President tar-Repubblika, L-Eċċellenza Tagħha s-Sinjorina Agatha Barbara.

**18.3.1986.**

**Tagħrif miġbur mill-arkivju tal-Każin**